



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

2015/0009(COD)

14.4.2015

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

għall-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013
(COM(2015)0010 – C8-0007/2015 – 2015/0009(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Michael Theurer

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-opinjoni tal-Kumitat CONT tiffoka fuq il-kwistjonijiet ta' ġestjoni finanzjarja tajba u, b'mod partikolari, fuq l-Artikolu 14 tal-abbozz ta' Regolament: Il-verifika esterna tal-Qorti tal-Awdituri.

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri għandha tkun intitolata li twettaq awditi fuq l-attivitajiet mwettqa skont ir-Regolament FEIS peress li l-attivitajiet kollha tar-Regolament huma *attivitajiet fil-ġestjoni tal-ħruġ u d-dħul tal-Unjoni skont it-tifsira fl-Artikolu 287 TFUE*. Għandu jiġi enfasizzat b'mod partikolari li:

1. Il-FEIS huwa definit bħala faċilità ta' garanzija identifikabbli b'mod ċar u trasparenti u li l-garanzija hija appoġġata prinċipalment mill-baġit tal-UE.
2. Il-membri tal-Kumitat tal-Investment jiġu nominati permezz ta' proposta mill-Kummissjoni.
3. Il-Kummissjoni se tkun irrappreżentatha fil-Bord ta' Tmexxija tal-FEIS.
4. Il-Kummissjoni hija membru tal-Bord tad-Diretturi tal-BEI u tiġi kkonsultata qabel mal-BEI japprova kull operazzjoni ta' finanzjament u ta' investment.
5. Iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investment se jitwaqqaf parzjalment fuq servizzi ta' konsulenza tal-Kummissjoni li huma diġà eżistenti.
6. Il-Kummissjoni se tiġġestixxi r-riżorsi tal-fond ta' garanzija.
7. Il-Kummissjoni u l-BEI, bl-appoġġ tal-Istati Membri, għandhom jippromwovu l-ħolqien ta' repertorju trasparenti ta' proġetti ta' investment kurrenti u potenzjalment futuri fl-Unjoni.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit jistieden lill-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetari, bħala l-kumitati responsabbli, sabiex jieħdu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tagħhom:

Emenda 1

Proposta għal regolament Kunsiderazzjoni 4

Test propost mill-Kummissjoni

Wara li kkunsidraw l-opinjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Emenda

Wara li kkunsidraw l-opinjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, tal-Kumitat tar-Reġjuni ***u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri,***

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7a) Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri fit-12 ta' Marzu 2015 adottat l-Opinjoni Nru 4/2015, skont l-Artikolu 287(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013, fejn elenkat ir-rimarki tagħha għall-proposta tal-Kummissjoni u ppreżentat suġġerimenti għat-titjib tar-Regolament.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9a) L-espedjenza ta' investiment għandha tiġi ġġudikata wkoll mill-punt sa fejn huwa jista' jikkonvinċi lill-investituri privati biex jersqu lejn finanzjament fit-tul tal-ekonomija, filwaqt li għandu jitqies li, fil-preżent, proporzjon għoli ta' tfaddil privat Ewropew (madwar EUR 16 000 biljun) huwa investit prinċipalment fuq bażi ta' żmien qasir, ħafna drabi 'l barra mill-Unjoni.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Il-FEIS għandu jappoġġa investimenti strateġiċi b'valur miżjud ekonomiku għoli li **jagħti** kontribut biex jintlaħqu l-oġġettivi **ta' politika tal-Unjoni**.

Emenda

(11) Il-FEIS għandu jappoġġa investimenti strateġiċi b'valur miżjud ekonomiku għoli li **jagħtu** kontribut biex jintlaħqu l-oġġettivi **tal-istrateġija Ewropa 2020. F'dan ir-rigward, l-appoġġ tal-FEIS lin-netwerks ta' infrastruttura għandu jikkontribwixxi għall-oġġettivi tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 għat-trasport, ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 għan-netwerks tal-enerġija u r-Regolament (UE) Nru 283/2014 għall-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni. Il-proġetti b'sinerġiji bejn is-setturi tat-trasport, it-telekomunikazzjonijiet u l-enerġija għandhom jingħataw attenzjoni partikolari.**

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Il-FEIS għandu **jimmira** proġetti li għandhom profil tar-riskji u l-gwadanji oġhla minn strumenti eżistenti tal-BEI u tal-Unjoni sabiex jiżgura addizzjonalità fuq operazzjonijiet eżistenti. Il-FEIS għandu jiffinanzja proġetti madwar l-Unjoni, **inkluż** fil-pajjiżi bl-aktar impatt tal-kriżi finanzjarja. Il-FEIS għandu jintuża biss meta ma jkunx disponibbli finanzjament minn sorsi oħra fuq termini reġonevoli.

Emenda

(15) Il-FEIS għandu **jindirizza** proġetti li għandhom profil tar-riskji u l-gwadanji oġhla minn strumenti eżistenti tal-BEI u tal-Unjoni sabiex jiżgura addizzjonalità fuq operazzjonijiet eżistenti. Il-FEIS għandu jiffinanzja proġetti madwar l-Unjoni, **b'mod speċjali** fil-pajjiżi li ntlaw l-iktar mill-kriżi finanzjarja. Il-FEIS għandu jintuża biss meta ma jkunx disponibbli finanzjament minn sorsi oħra fuq termini reġonevoli.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19a) Pagamenti fil-fond tal-garanzija għandu jkollhom ammont fil-mira ta' EUR 200 miljun fl-2016, EUR 300 miljun fl-2017, EUR 1 biljun fl-2018, EUR 2 biljun fl-2019, sabiex jiġu awtorizzati b'mod gradwali mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-qafas tal-proċedura annwali tal-baġit, b'kunsiderazzjoni għall-użu effikaċi tal-garanzija tal-UE u l-valutazzjoni tal-addizzjonalità tal-operazzjoni mmexxija taħt l-FEIS meta mqabbla mal-operazzjonijiet normali tal-BEI.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(21a) L-implimentazzjoni tal-FEIS u l-arranġamenti ta' sorveljanza, kif ukoll l-impenn formali tal-Istati Membri, se jkollhom effett deċiżiv fuq is-suċċess tiegħu, u se jkun hemm bżonn li jiġi żgurat b'mod partikolari li l-aqwa proġetti jiġu magħżula abbażi ta' kriterji oġġettivi, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) L-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tal-BEI għandhom ikomplu jiġu ġestiti skont ***ir-regoli u l-proċeduri tal-BEI stess***, inklużi l-miżuri ta' kontroll xierqa u miżuri mittieħda biex tiġi evitata l-evażjoni fiskali, kif ukoll permezz tar-regoli u tal-proċeduri rilevanti li jikkonċernaw l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u l-Qorti tal-Awdituri, ***inkluż il-ftehim Tripartitiku bejn il-Kummissjoni Ewropea, il-Qorti tal-Awdituri u l-Bank Ewropew tal-Investment***.

Emenda

(24) L-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tal-BEI għandhom ikomplu jiġu ġestiti skont ***ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a}***, inklużi l-miżuri ta' kontroll xierqa u miżuri mittieħda biex tiġi evitata l-evażjoni fiskali, kif ukoll permezz tar-regoli u tal-proċeduri rilevanti li jikkonċernaw l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u l-Qorti tal-Awdituri. ***Għalhekk, għandu jiġi stabbilit minnufih li ma hemm l-ebda indeboliment fil-politiki ġodda ta' trasparenza riċentament adottati mill-BEI.***

^{1a} ***Regolament (UE, EURATOM) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).***

Ġustifikazzjoni

Superfluwa.

Emenda 9

**Proposta għal regolament
Premessa 25**

Test propost mill-Kummissjoni

(25) Il-BEI ***għandu*** regolarment ***jevalwa*** l-attivitajiet appoġġati mill-FEIS bil-għan li ***jivvaluta r-relevanza***, il-prestazzjoni u l-impatt tagħhom u ***jidentifika*** aspetti li jistgħu jtejbju attivitajiet futuri. Tali evalwazzjonijiet għandhom jikkontribwixxu ***għall-obbligu ta'***

Emenda

(25) Il-BEI ***u l-Kumitat tal-Investment għandhom*** regolarment ***jevalwaw*** l-attivitajiet appoġġati mill-FEIS u ***jirrappurtaw dwarhom*** bil-għan li jivvalutaw il-***valur miżjud, ir-relevanza***, il-prestazzjoni u l-impatt tagħhom ***fuq l-attivitajiet eżistenti finanzjati mill-Unjoni,***

rendikont u l-analiżi tas-sostenibbil tà.

u *jidentifikaw* aspetti li jistgħu jtejbu attivitajiet futuri. Tali evalwazzjonijiet għandhom jikkontribwixxu *għall-obbligu ta' rendikont pubbliku, għall-ġestjoni finanzjarja tajba, għat-trasparenza u għall-analiżi tas-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali.*

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

(26) B'mod parallel *mal-operazzjonijiet* ta' finanzjament *se jitmexxa* permezz tal-FEIS, għandu jinħoloq Ċentru Ewropew ta' Konsulenza *Finanzjarja* (EIAH). *Il-FEIS* għandu jipprovdi appoġġ imsaħħaħ għall-iżvilupp u t-tħejjija ta' proġetti madwar l-Unjoni, billi jibni fuq il-kompetenzi tal-Kummissjoni, il-BEI, il-banek promozzjonali nazzjonali u l-*awtorità* maniġerjali tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej. Dan għandu jistabbilixxi punt uniku ta' dħul għal mistoqsijiet li jirrigwardaw l-assistenza teknika għal investimenti fl-Unjoni.

Emenda

(26) B'mod parallel *mal-operazzjonijiet* ta' finanzjament *li se jitmexxew* permezz tal-FEIS, għandu jinħoloq Ċentru Ewropew ta' Konsulenza *għall-Investment* (EIAH). *L-EIAH* għandu jipprovdi appoġġ imsaħħaħ għall-iżvilupp u t-tħejjija ta' proġetti madwar l-Unjoni, billi jibni fuq il-kompetenzi tal-Kummissjoni, il-BEI, il-banek promozzjonali nazzjonali u l-*awtoritajiet* maniġerjali tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej. Dan għandu jistabbilixxi punt uniku ta' dħul għal mistoqsijiet li jirrigwardaw l-assistenza teknika għal investimenti fl-Unjoni. *L-EIAH għandu jikkoopera mal-entitajiet konsultattivi eżistenti li jinvolvu l-BEI, il-Kummissjoni u l-Istati Membri, bħaċ- "Ċentru Ewropew ta' Kompetenza dwar il-PPP" (EPEC) u l-"Pjattaforma ta' Konsulenza Teknika - Strumenti Finanzjarji (FI-TAP) għall-FEIS". L-EIAH għandu jippermetti lill-Istati Membri u lir-reġjuni madwar l-Unjoni jibbenefikaw minn konsulenza b'xejn biex ikun żgurat aċċess ġust għall-finanzjament FEIS.*

Ġustifikazzjoni

Idea mill-Opinjoni 4/2014 tal-QEA dwar il-FEIS - paragrafi 29, 30 u 31

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 27a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(27a) Sabiex ikun żgurat li l-baġit tal-Unjoni ma jkunx espost għall-obbligazzjonijiet kontinġenti li jiżbqu l-fondi impenjati, għandu jkun hemm prinċipju ġenerali ta' immunità u rinunzja kontra pretensjonijiet legali mill-benefiċjarji tal-FEIS.

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(30) Minħabba n-natura tal-kostituzzjoni tagħhom, la l-garanzija tal-UE u lanqas il-fond ta' garanzija ma huma 'strumenti finanzjarji' skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴.

(30) Minħabba l-assimilazzjoni tagħhom mal-istrumenti finanzjarji tal-Unjoni, il-garanzija tal-UE lill-BEI u l-fond ta' garanzija għandhom ikunu konformi mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, it-trasparenza, il-proporzjonalità, in-nondiskriminazzjoni, it-trattament ugwali u sussidjarjetà kif imsemmi fl-Artikolu 140 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ u, fejn xieraq, mal-Artikolu 139 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

⁴ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p.

⁴ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p.

1).

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni

(31) FI-Unjoni, hemm għadd sinifikanti ta' proġetti potenzjalment vijabbli li mhumiex qed jiġu ffinanzjati minħabba nuqqas ta' ċertezza u trasparenza rigward tali proġetti. Ħafna drabi, dan huwa minħabba li investituri privati mhumiex konxji tal-proġetti jew ma għandhomx informazzjoni biżżejjed biex jagħmlu valutazzjoni tar-riskji tal-investment. Il-Kummissjoni u l-BEI, bl-appoġġ mill-Istati Membri, għandhom jippromwovu l-ħolqien ta' **sett** ta' proġetti ta' investment **trasparenti** kurrenti u futuri fl-Unjoni li huma adattati għall-investment. Dan **is-"sett** ta' proġetti" għandu jiżgura li l-informazzjoni rigward proġetti ta' investment tkun disponibbli għall-pubbliku fuq bażi regolari u **strutturati** sabiex ikun żgurat li l-investituri jkollhom informazzjoni affidabbli li fuqha jibbażaw id-deċiżjonijiet ta' investment tagħhom.

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni

(32) L-Istati Membri bdew **wkoll** ħidma fil-livell nazzjonali dwar l-istabbiliment u l-promozzjoni ta' **settijiet** ta' proġetti għal proġetti ta' importanza nazzjonali. L-informazzjoni mħejjija mill-Kummissjoni u mill-BEI għandha ttipprovdi rabtiet **mas-**

1).

Emenda

(31) FI-Unjoni, hemm għadd sinifikanti ta' proġetti potenzjalment vijabbli li mhumiex qed jiġu ffinanzjati minħabba nuqqas ta' ċertezza u trasparenza rigward tali proġetti. Ħafna drabi, dan huwa minħabba li investituri privati mhumiex konxji tal-proġetti jew ma għandhomx informazzjoni biżżejjed biex jagħmlu valutazzjoni tar-riskji tal-investment. Il-Kummissjoni u l-BEI, bl-appoġġ mill-Istati Membri, għandhom jippromwovu l-ħolqien ta' **direttorju trasparenti** ta' proġetti ta' investment kurrenti u futuri fl-Unjoni li huma adattati għall-investment. Dan id-**"direttorju ta' proġetti"** għandu jiżgura li l-informazzjoni rigward proġetti ta' investment tkun disponibbli għall-pubbliku fuq bażi regolari u **strutturata** sabiex ikun żgurat li l-investituri jkollhom informazzjoni affidabbli li fuqha jibbażaw id-deċiżjonijiet ta' investment tagħhom.

Emenda

(32) L-Istati Membri bdew **ukoll** ħidma fil-livell nazzjonali dwar l-istabbiliment u l-promozzjoni ta' **direttorji** ta' proġetti għal proġetti ta' importanza nazzjonali. L-informazzjoni mħejjija mill-Kummissjoni u mill-BEI għandha ttipprovdi rabtiet **għad-**

settijiet ta' proġetti nazzjonali li *jakkumpanjaw*.

direttorji ta' proġetti nazzjonali li *jakkumpanjawha*.

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni

(33) Minkejja li l-proġetti identifikati *fis-sett* ta' proġetti jistgħu jintużaw mill-BEI fl-identifikazzjoni u l-għażla tal-proġetti appoġġati mill-FEIS, *is-sett* ta' proġetti għandu jkun aktar wiesa' fl-ambitu ta' identifikazzjoni ta' proġetti madwar l-Unjoni. Dan l-ambitu jinkludi proġetti li huma kapaċi jiġu ffinanzjati kompletament mis-settur privat jew bl-assistenza ta' strumenti oħra disponibbli fil-livell Ewropew jew nazzjonali. Il-FEIS għandu jkun jista' jappoġġa proġetti ta' finanzjament u investiment identifikati *mis-sett* ta' proġetti, iżda ma għandux ikun hemm awtomatiċità bejn l-inklużjoni fuq il-lista u l-aċċess għal sostenn tal-FEIS u l-FEIS jingħata *bid-diskrezzjoni* li jagħżel u jappoġġa proġetti li ma jkunux inklużi fil-lista.

Emenda

(33) Minkejja li l-proġetti identifikati *fid-direttorju* ta' proġetti jistgħu jintużaw mill-BEI fl-identifikazzjoni u l-għażla tal-proġetti appoġġati mill-FEIS, *id-direttorju* ta' proġetti għandu jkun aktar wiesa' fl-ambitu ta' identifikazzjoni ta' proġetti madwar l-Unjoni. Dan l-ambitu *jista'* jinkludi proġetti li huma kapaċi jiġu ffinanzjati kompletament mis-settur privat jew bl-assistenza ta' strumenti oħra disponibbli fil-livell Ewropew jew nazzjonali. Il-FEIS għandu jkun jista' jappoġġa proġetti ta' finanzjament u investiment identifikati *mid-direttorju* ta' proġetti, iżda ma għandux ikun hemm awtomatiċità bejn l-inklużjoni fuq il-lista u l-aċċess għal sostenn tal-FEIS u l-FEIS *għandu* jingħata *d-diskrezzjoni* li jagħżel u jappoġġa proġetti li ma jkunux inklużi fil-lista.

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni

(34) Sabiex ikun hemm l-obbligu ta' rendikont liċ-ċittadini *Ewropej*, il-BEI *għandu* b'mod regolari *jirrapporta* lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress tal-FEIS.

Emenda

(34) Sabiex ikun hemm l-obbligu ta' rendikont liċ-ċittadini *tal-Unjoni*, il-BEI, *il-President tal-Grupp tat-Tmexxija u d-Direttur Amministrattiv tal-Kumitat tal-Investiment għandhom* b'mod regolari *jirrapportaw* lill-Parlament Ewropew u lill-

Kunsill dwar il-progress *u l-impatt* tal-FEIS, *b'mod partikolari fir-rigward tal-addizzjonalità tal-operazzjonijiet mmexxija taħt il-FEIS meta mqabbla mal-operazzjonijiet normali tal-BEI.*

Emenda 17

Proposta għal regolament Premessa 35a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(35a) Minħabba li l-Fond ta' Garanzija se jkun magħmul minn riallokazzjonijiet sinifikanti mill-baġit tal-Unjoni, il-Parlament għandu jkollu d-dritt li jsejjaħ quddiemu lill-Kummissarju responsabbli mill-Baġit tal-Unjoni sabiex jeżerċita l-iskrutinju fuq l-użu tal-baġit tal-Unjoni, b'mod speċjali fir-rigward tal-prestazzjoni u tal-eżiti tal-infiq.

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissarju għall-Baġit u l-Qorti tal-Awdituri talbu għal tibdil fil-kultura fuq kif l-istituzzjonijiet tal-UE jittrattaw il-Baġit tal-UE - b'mod partikolari, il-ħtieġa għal enfasi akbar fuq l-obbligu ta' rendikont u konċentrazzjoni fuq il-prestazzjoni u l-eżiti tal-infiq;. Huwa għalhekk importanti li l-Parlament jeżerċita skrutinju fuq dawn l-elementi u jżomm lill-Kummissarju responsabbli. Id-dritt ta' skrutinju għandu jiġi estiż biss għall-Kummissarju sabiex jissalvagwardja l-indipendenza tal-governanza tal-FEIS.

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-għan tal-FEIS ikun li jappoġġa investimenti fl-Unjoni u li jiżgura aktar aċċess għall-finanzjament lil kumpaniji li għandhom sa 3000 impjegat, b'attenzjoni partikolari fuq intrapriżi żgħar u ta' daqs

L-għan tal-FEIS ikun li jappoġġa investimenti fl-Unjoni, *inklużi proġetti bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi*, u li jiżgura aktar aċċess għall-finanzjament lil kumpaniji li għandhom sa 3000 impjegat,

medju, permezz tal-forniment ta' kapaċità tal-ġarr ta' riskju lill-BEI ("Ftehim tal-FEIS").

b'attenzjoni partikolari fuq intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, permezz tal-forniment ta' kapaċità tal-ġarr ta' riskju lill-BEI ("Ftehim tal-FEIS"), *f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, trasparenza, proporzjonalità, nondiskriminazzjoni, trattament ugwali u sussidjarjetà.*

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 1a

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- a) "Ftehim tal-FEIS" tfisser l-istrument legali li bih il-Kummissjoni u l-BEI jispeċifikaw il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament għall-ġestjoni tal-FEIS;***
- b) "banek jew istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali" tfisser l-entitajiet legali li jwettqu attivitajiet finanzjarji fuq bażi professjonali, li ngħataw mandat mill-Istat Membru, kemm jekk fuq livell ċentrali, reġjonali jew lokali, biex iwettqu attivitajiet pubbliċi tal-iżvilupp jew tal-promozzjoni prinċipalment fuq bażi mhux kummerċjali;***
- c) "pjattaformi ta' investiment" tfisser veikoli bi skop speċjali, kontijiet ġestiti, arranġamenti ta' kofinanzjament jew ta' kondiviżjoni tar-riskji abbażi ta' kuntratti jew arranġamenti stabbiliti bi kwalunkwe mezz ieħor li permezz tagħhom l-investituri jipprovdu kontribuzzjoni finanzjarja biex jiffinanzjaw għadd ta' proġetti ta' investiment u li jistgħu jinkludu pjattaformi nazzjonali li jiġbru***

flimkien diversi proġetti ta' investiment fit-territorju ta' Stat Membru partikolari, pjattaformi ta' diversi pajjiżi jew reġjuni li jiġbru flimkien lil diversi Stati Membri interessati fi proġetti kbar f'żona ġeografika partikolari, jew pjattaformi tematiċi li jkunu kapaċi jiġbru flimkien proġetti ta' investiment f'settur partikolari;

d) "intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)" tfisser il-mikro intrapriżi u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE^{1a};

e) "kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja" tfisser entitajiet ġuridiċi li fihom sa 3000 impjegat u li mhumiex SMEs.

f) "benefiċjarji tal-FEIS" tfisser il-mutwatarji kollha tal-istrumenti finanzjarji ggarantiti mill-UE implimentati mill-BEI skont il-Ftehim tal-FEIS;

g) "kapaċità tal-ġarr tar-riskju" tfisser li l-FEIS jassumi parti limitata ex ante tar-riskju ta' kreditu possibbli assoċjat mal-finanzjament ta' proġett ta' investiment speċifiku permezz ta' strument finanzjarju mmaniġġjat mill-BEI b'mod li r-riskju tal-kreditu aggregat f'portafoll huwa bħala massimu daqs is-sehem tal-portafoll assigurat mill-garanzija tal-UE;

^{1a} Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' mikrointrapriżi u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) dispożizzjonijiet li jirregolaw it-twaqqif **ta' FEIS** bħala faċilità ta' garanzija distinta, identifikabbli b'mod ċar u trasparenti u kont separat ġestit mill-BEI;

Emenda

(a) dispożizzjonijiet li jirregolaw it-twaqqif **tal-FEIS** bħala faċilità ta' garanzija distinta, identifikabbli b'mod ċar u trasparenti u kont separat ġestit mill-BEI, **li għalih il-BEI u l-Kummissjoni huma soġġetti għal deċiżjoni annwali ta' kwittanza mill-Parlament u mill-Kunsill skont l-Artikolu 319 TFUE u l-Artikoli 164, 165 u 166 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 996/2012;**

Emenda 21

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) dispożizzjonijiet dwar kif il-Kummissjoni għandha tassumi responsabbiltà sħiħa għall-użu attwali tal-fondi tal-Unjoni ġestiti mill-FEIS, kif previst fl-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u fl-Artikolu 317 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u tipprevjeni d-diffużjoni tal-obbligu ta' rendikont;

Emenda 22

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) l-arranġamenti ta' governanza rigward il-FEIS, b'konformità mal-Artikolu 3 minghajn ħsara għall-Istatut tal-Bank Ewropew tal-Investment;

(d) l-arranġamenti ta' governanza rigward il-FEIS, b'konformità mal-Artikolu 3 minghajn ħsara għall-Istatut tal-Bank Ewropew tal-Investment, **inkluż limitu massimu għall-ispejjeż manijerjali tal-BEI u b'rispett għar-responsabbiltajiet**

tal-Kummissjoni kif previsti fl-Artikolu 17(1) TUE, fl-Artikolu 317 TFUE u fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012;

Emenda 23
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) rekwiżiti li jirregolaw l-użu tal-garanzija tal-UE, inkluż bi skadenzi speċifiċi u indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin;

Emenda

(g) rekwiżiti li jirregolaw l-użu tal-garanzija tal-UE, inkluż bi skadenzi speċifiċi u indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin ***li għandhom l-għan li jkejlu l-kisba tal-objettivi tal-FEIS kif previsti f'dan ir-Regolament f'termini ta' tkabbir u impjegi, l-impatt fuq is-suq intern u l-promozzjoni tal-SMEs; ir-rekwiżiti hawn fuq imsemmija jiġu adattati kif meħtieġ mill-Bord ta' Tmexxija;***

Ġustifikazzjoni

Valutazzjoni tal-prestazzjoni għandha tkun marbuta mal-kisba tal-objettivi politiċi tal-FEIS kif definiti b'mod partikolari mid-9 sal-14-il premessa.

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(ga) ***dispożizzjonijiet li jiżguraw li l-SMEs u l-mikrointrapriżi jiksbu aċċess prijoritarju għall-appoġġ tal-FEIS;***

Emenda

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

(h) dispożizzjonijiet dwar ***il-finanzjament meħtieġ għall-EIAH*** skont it-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2;

Emenda

(h) dispożizzjonijiet dwar ***il-forma ġuridika, l-istruttura operattiva u l-finanzjament tal-EIAH*** skont it-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2;

Emenda 26

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ħa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ħa) dispożizzjonijiet dwar l-iffissar ta' limitu massimu inkondizzjonat fuq l-ispejjeż li jsiru mill-BEI f'isem il-FEIS;

Emenda 27

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ja) dispożizzjonijiet li jiżguraw l-awditu estern mill-Qorti tal-Awdituri tal-proġetti kollha ffinanzjati mill-FEIS.

Emenda 28

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Ftehim tal-FEIS ikun jipprevedi li r-remunerazzjoni attribwibbli lill-Unjoni minn operazzjonijiet li għandhom l-appoġġ tal-FEIS tkun ipprovduta wara li jitnaqqsu l-pagamenti dovuti għat-talbiet ***tal-***

Il-Ftehim tal-FEIS ikun jipprevedi li r-remunerazzjoni attribwibbli lill-Unjoni minn operazzjonijiet li għandhom l-appoġġ tal-FEIS tkun ipprovduta ***sa mhux aktar limitu massimu inkondizzjonat*** wara li

garanzija tal-UE u, sussegwentement, **il-kosti** skont it-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2 u skont l-Artikolu 5(3).

jitnaqqsu l-pagamenti dovuti għat-talbiet **għall-garanzija** tal-UE u, sussegwentement, **l-ispejjeż** skont it-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2 **ta' dan l-Artikolu** u skont l-Artikolu 5(3).

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

L-EIAH ikun parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni sa massimu ta' EUR 20 000 000 kull sena matul il-perjodu li jispiċċa fil-31 ta' Diċembru **2020** għas-servizzi addizzjonali previsti mill-EIAH apparti l-assistenza teknika eżistenti tal-BEI. Għas-snin ta' wara l-2020 il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni tkun direttament marbuta mad-diżpożizzjonijiet inklużi fl-oqfsa finanzjarji pluriennali futuri.

Emenda

L-EIAH ikun parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni sa massimu ta' EUR 20 000 000 kull sena matul il-perjodu li jispiċċa fil-31 ta' Diċembru **2018** għas-servizzi addizzjonali previsti mill-EIAH apparti l-assistenza teknika eżistenti tal-BEI. **Għandu jitwettaq rieżami qabel it-tmiem tal-2018 li jivvaluta s-suċċess u l-valur miżjud tal-EIAH qabel ma jinbeda t-tieni perjodu ta' finanzjament mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2020.** Għas-snin ta' wara l-2020 il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni tkun direttament marbuta mad-diżpożizzjonijiet inklużi fl-oqfsa finanzjarji pluriennali futuri.

Emenda 30

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Ftehim tal-FEIS ikun jipprevedi **li** l-FEIS ikun irregolat minn Bord ta' Tmexxija, li jiddetermina l-orjentazzjoni strateġika, l-allokazzjoni strateġika tal-assi u l-politiki u l-proċeduri operattivi, inkluż il-politika ta' investiment ta' proġetti li jista' jkollhom is-sostenn tal-FEIS u l-profil ta'

Emenda

1. Il-Ftehim tal-FEIS ikun jipprevedi li **l-Kummissjoni u l-BEI jkunu responsabbli u obbligati jagħtu rendikont direttament lill-Parlament u lill-Kunsill għall-ġestjoni tal-fondi u l-garanziji kollha mmaniġġjati mill-FEIS. Għal dan l-għan, il-FEIS ikun irregolat minn Bord ta' Tmexxija, li għall-**

riskju tal-FEIS, b'konformità mal-objettivi fl-ambitu tal-Artikolu 5(2). Il-Bord ta' Tmexxija jeleġġi wieħed mill-membri tiegħu **biex ikun President** tal-Bord.

użu tal-garanzija tal-UE, jiddetermina l-orjentazzjoni strateġika, l-allokkazzjoni strateġika tal-assi u l-politiki u l-proċeduri operattivi, inkluż il-politika ta' investiment ta' proġetti li jista' jkollhom is-sostenn tal-FEIS u l-profil ta' riskju tal-FEIS, b'konformità mal-objettivi fl-ambitu tal-Artikolu 5(2).

Il-Bord ta' Tmexxija jeleġġi wieħed mill-membri tiegħu **bħala l-President** tal-Bord.

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-President, flimkien mad-Direttur Amministrattiv tal-Kumitat tal-Investment kif definit fil-paragrafu 4, għandu jkun preżenti tal-anqas darba fis-sena f'seduta konġunta tal-kumitati responsabbli tal-Parlament Ewropew sabiex jirrapporta dwar il-progress tal-attivitajiet tal-FEIS.

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Bord ta' Tmexxija jieħu d-deċiżjonijiet permezz ta' kunsens.

Il-Bord ta' Tmexxija jieħu d-deċiżjonijiet **tiegħu** permezz ta' kunsens. **Id-deċiżjonijiet meħuda għandhom ikunu pubblikament aċċessibbli.**

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3 a. Il-Ftehim tal-FEIS jipprevedi t-twaqqif ta' grupp konsultattiv. Il-grupp konsultattiv ikun magħmul minn rappreżentanti tal-banek kollha, inklużi banek promozzjonali nazzjonali, li jipparteċipaw fi proġetti fil-livelli nazzjonali u lokali koperti mill-garanzija tal-UE skont l-Artikolu 4.

Il-grupp konsultattiv jiltaqa' darba fis-sena fil-Lussemburgu, fil-bini tal-BEI. Il-laqgħat tiegħu jkunu organizzati mill-BEI. Il-komunikazzjoni u l-iskambji kollha l-oħra bejn il-membri tal-grupp konsultattiv jitwettqu bil-miktub u jiġu ppubblikati wara sena. Il-grupp konsultattiv jista' jipprovdi lill-Bord ta' Tmexxija, lill-Kumitat tal-Investment u lid-Direttur Amministrattiv b'riċerka sabiex kontinwament jittejjbu l-operazzjonijiet tal-FEIS. L-ispejjeż kollha relatati mal-grupp konsultattiv, inklużi l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, jitħallsu mill-entitajiet li jixtiequ li jkunu rappreżentati fih.

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Id-Direttur Amministrattiv u **d-Deputat** Direttur Amministrattiv jinħatru mill-Bord ta' Tmexxija fuq proposta konġunta tal-Kummissjoni u tal-BEI għal terminu fiss ta' tliet snin li jiġġedded.

Id-Direttur Amministrattiv u **l-Viċi** Direttur Amministrattiv jinħatru mill-Bord ta' Tmexxija fuq proposta konġunta tal-Kummissjoni u tal-BEI, **suġġett għal approvazzjoni minn qabel mill-Parlament Ewropew**, għal terminu fiss ta' tliet snin li **jkun jista' jiġġedded darba biss.**

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Wara li tkun semgħet lill-Bord ta' Tmexxija, il-Kummissjoni, malli tirċievi l-approvazzjoni tal-BEI, tipprovdi lill-Parlament Ewropew b'lista mqassra ta' kandidati għall-karigi ta' Direttur Amministrattiv u ta' Viċi Direttur Amministrattiv.

Il-Kummissjoni, malli tirċievi l-approvazzjoni tal-BEI, tissottometti lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni, proposta għall-ħatra tad-Direttur Amministrattiv u tal-Viċi Direttur Amministrattiv. Wara l-approvazzjoni tal-proposta, il-Bord ta' Tmexxija jaħtar id-Direttur Amministrattiv u l-Viċi Direttur Amministrattiv għal perjodu fiss ta' tliet snin li jkun jista' jiġġedded darba biss.

Emenda 36

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Ftehim tal-FEIS ikun jipprevedi li l-FEIS ikollu Kumitat ***tal-Investimenti***, li jkun responsabbli biex jeżamina operazzjonijiet potenzjali skont il-politiki ta' investiment tal-FEIS u japprova s-sostenn tal-garanzija tal-UE għall-operazzjonijiet ***skont l-Artikolu 5, irrispettivament*** mill-post fejn jinsabu.

Il-Ftehim tal-FEIS ikun jipprevedi li l-FEIS ikollu Kumitat ***tal-Investment***. Il-Kumitat ***tal-Investment ikun*** responsabbli biex jeżamina operazzjonijiet potenzjali skont il-politiki ta' investiment tal-FEIS u japprova s-sostenn tal-garanzija tal-UE għall-operazzjonijiet:

(a) f'konformità mal-Artikolu 5;

(b) f'konformità mal-obiettivi ġenerali tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013 u tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013, kif ukoll mal-programmi ta' ħidma annwali tat-TEN-T;

(c) li wrew valur miżjud ekonomiku, soċjali u sostenibbli rigward il-promozzjoni ta' impjiegi, ħiliet, innovazzjoni u kompetittività fl-Unjoni, u li kieku ma kinux possibbli li jitwettqu mingħajr il-fondi u l-istrumenti eżistenti tal-Unjoni;

(d) irrISPETTIVAMENT mill-post ġeografiku fejn jinsabu fl-Unjoni.

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kumitat *tal-Investimenti ikun* kompost minn *sitt* esperti indipendenti u d-Direttur Amministrattiv. *L-esperti indipendenti* jkollhom livell għoli ta' esperjenza rilevanti rigward is-suq fil-finanzjament tal-proġetti *u* jinħatru mill-Bord ta' Tmexxija għal perjodu fiss ta' tliet snin li jiġġedded.

Emenda

Il-Kumitat *tal-Investment huwa* kompost minn *tmien* esperti indipendenti u d-Direttur Amministrattiv. *Dawn l-esperti* jkollhom livell għoli ta' esperjenza rilevanti rigward is-suq *fl-istrutturar u* fil-finanzjament tal-proġetti, *kif ukoll kompetenzi makroekonomiċi. Il-membri tal-Kumitat tal-Investment* jinħatru mill-Bord ta' Tmexxija għal perjodu fiss ta' tliet snin li jista' jiġġedded, *permezz ta' proċedura tal-għażla miftuħa u trasparenti.*

Għal dawn il-finijiet, il-Bord ta' Tmexxija jfassal lista ta' mill-inqas 16-il expert (tmien irġiel u tmien nisa) u jippreżentaha lill-Parlament Ewropew. Wara li jisma' lill-esperti kollha minn din il-lista, il-Parlament Ewropew jadotta deċiżjoni li tipproponi tmienja minn dawn l-esperti lill-Bord ta' Tmexxija għall-ħatra.

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 5 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Is-CVs u d-dikjarazzjonijiet tal-interessi ta' kull membru tal-Kumitat tal-Investment għandhom jiġu ppubblikati, aġġornati kontinwament u jkunu suġġetti għall-kontrolli ta' validità bir-reqqa mill-Kummissjoni u l-BEI.

Emenda 39

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Investment jittieħdu b'maġġoranza sempliċi.

Id-deċiżjonijiet tal-Kummitat tal-Investment jittieħdu b'maġġoranza sempliċi. Huma jkunu indipendenti, ħielsa minn kwalunkwe interferenza mhux xierqa, u jkunu aċċessibbli pubblikament.

Emenda 40

Proposta għal regolament Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 3a

***Regoli finanzjarji tal-FEIS u tal-EIAH
Ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-FEIS u l-EIAH jiġu adottati mill-Bord ta' Tmexxija. Huma ma għandhomx jiddevjaw mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 966/2012.***

Fil-qafas tan-negozjati għall-Ftehim tal-FEIS qabel l-istabbiliment tal-FEIS jew fuq talba formali mill-Bord ta' Tmexxija, il-Kummissjoni tista' tingħata s-setgħa li tippermetti, f'każijiet debitament ġustifikati, derogi fil-forma ta' regoli finanzjarji tranżitorji permezz ta' att delegat skont l-Artikolu 290 TFUE u l-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament. Dawn ir-regoli tranżitorji jkunu validi għal massimu ta' tliet snin jew sakemm il-Parlament u l-Kunsill jemendaw ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 biex jinkorporaw ir-rekwiżiti speċjali tal-FEIS.

Emenda 41

Proposta għal regolament Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni

L-Unjoni tipprovdi garanzija lill-BEI għall-operazzjonijiet ta' finanzjament jew investiment li jitwettqu fl-Unjoni li **tkun koperta** minn dan ir-Regolament ("Garanzija tal-UE"). **Fr-rigward ta' strumenti** msemija fl-Artikolu 6 il-garanzija tal-UE tingħata bħala garanzija fuq talba.

Emenda

1. L-Unjoni tipprovdi garanzija lill-BEI għall-operazzjonijiet ta' finanzjament jew investiment li jitwettqu fl-Unjoni **u li jkunu koperti** minn dan ir-Regolament ("Garanzija tal-UE"). **Il-garanzija tal-UE tingħata wkoll għal banek jew istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 58(c) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, u pjattaformi ta' investiment. Fir-rigward tal-istrumenti eliġibbli** msemija fl-Artikolu 6 **ta' dan ir-Regolament** il-garanzija tal-UE tingħata bħala garanzija fuq talba.

2. Pretensjonijiet legali kontinġenti kontra l-Kummissjoni minn benefiċjarji tal-FEIS ikunu limitati għall-garanzija tal-UE.

Emenda 42

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-garanzija tal-UE tingħata għal operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tal-BEI li jkunu approvati mill-Kumitat tal-Investment ***imsemmi fl-Artikolu 3(5)*** jew finanzjament lill-FEI sabiex iwettaq operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment ***tal-FEI*** skont l-Artikolu 7(2). L-operazzjonijiet ***ikkonċernati*** jkunu konsistenti mal-politiki tal-Unjoni u ***jkunu*** jappoġġaw kwalunkwe wieħed mill-objettivi ġenerali li ġejjin:

Emenda

2. Il-garanzija tal-UE tingħata ***biss*** għal operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tal-BEI li jkunu approvati mill-Kumitat tal-Investment jew finanzjament lill-FEI sabiex iwettaq operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment ***tal-BEI*** skont l-Artikolu 7(2) ***u approvati mill-Kumitat tal-Investment***.

L-operazzjonijiet ***imsemmija fl-ewwel subparagrafu*** jkunu konsistenti mal-politiki tal-Unjoni, ***vijabbli ekonomikament u teknikament, u jipprovdu addizzjonalità, jimmassimizzaw fejn possibbli l-mobilizzazzjoni tal-kapital tas-settur privat, jikkomplementaw fondi jew skemi ta' għajnuna eżistenti tal-Unjoni, jipprovdu valur miżjud Ewropew, jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri tal-Ewropa 2020*** u jappoġġaw kwalunkwe wieħed mill-objettivi ġenerali li ġejjin:

Emenda 43

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-iżvilupp tal-infrastruttura, inkluż fl-oqsma tat-trasport, b'mod partikolari ***fiċ-ċentri industrijali***; l-enerġija, b'mod partikolari l-interkonnessjonijiet tal-enerġija; u l-infrastruttura diġitali;

Emenda

(a) l-iżvilupp tal-infrastruttura, inkluż fl-oqsma tat-trasport, b'mod partikolari ***għal trasport urban nadif u proġetti tul in-netwerk Trans-Ewropew għat-trasport, kif definit fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013***; l-enerġija, b'mod partikolari l-interkonnessjonijiet tal-

enerġija; u l-infrastruttura diġitali;

Emenda 44

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

3. B'konformità mal-Artikolu 17 tal-Istatut tal-Bank Ewropew tal-Investment, il-benefiċjarji se jintalbu jħallsu l-operazzjonijiet tal-BEI biex ikopru l-ispejjeż relatati mal-FEIS. Mingħajr ħsara għas-subparagrafi 2 u 3, ebda nefqa amministrattiva jew kwalunkwe tariffa oħra tal-BEI għal attivitajiet ta' finanzjament u investment immexxija mill-BEI skont dan ir-Regolament ma jiġu koperti mill-baġit tal-Unjoni.

Emenda

3. B'konformità mal-Artikolu 17 tal-Istatut tal-Bank Ewropew tal-Investment, il-benefiċjarji se jintalbu jħallsu l-operazzjonijiet tal-BEI biex ikopru l-ispejjeż relatati mal-FEIS ***sa mhux aktar minn limitu massimu inkondizzjonat previst fil-ftehim tal-FEIS. Ir-riskju li l-ispejjeż tal-BEI ma jkunux jistgħu jiġu rkuprati jinġarru biss mill-BEI.*** Mingħajr preġudizzju għas-subparagrafi 2 u 3 ***ta' dan il-paragrafu***, ebda nefqa amministrattiva jew kwalunkwe tariffa oħra tal-BEI għal attivitajiet ta' finanzjament u investment immexxija mill-BEI skont dan ir-Regolament ma jiġu koperti mill-baġit tal-Unjoni.

Emenda 45

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-BEI jista' jitlob il-garanzija tal-UE, skont l-Artikolu 2(1)(e), ***f'limitu massimu kumulat li jikkorrispondi għal 1 % tat-total pendenti tal-obbligi tal-garanzija tal-UE*** biex ikopri l-ispejjeż li filwaqt li jkunu ġew iċċarġjati lill-benefiċjarji tal-operazzjonijiet ta' finanzjament, ma jkunux ġew irkuprati.

Emenda

Il-BEI jista' jitlob il-garanzija tal-UE, skont l-Artikolu 2(1)(e), ***sa mhux aktar minn limitu massimu inkondizzjonat previst mill-Ftehim tal-FEIS***, biex ikopri l-ispejjeż li filwaqt li jkunu ġew iċċarġjati lill-benefiċjarji tal-operazzjonijiet ta' finanzjament, ma jkunux ġew irkuprati.

Emenda 46

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

It-tariffi tal-BEI, jekk il-BEI jipprovdi finanzjament lill-FEI f'isem il-FEIS li huwa appoġġat mill-garanzija tal-UE skont l-Artikolu 7(2) jistgħu jiġu koperti mill-baġit tal-Unjoni.

Emenda

It-tariffi tal-BEI, jekk il-BEI jipprovdi finanzjament lill-FEI f'isem il-FEIS li huwa appoġġat mill-garanzija tal-UE skont l-Artikolu 7(2) jistgħu jiġu koperti mill-baġit tal-Unjoni. ***Għandu jiġi ffissat limitu massimu inkondizzjonat għat-tali tariffi fil-Ftehim tal-FEIS.***

Emenda 47

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Sakemm il-kriterji ta' eliġibbiltà jkunu ssodisfati kollha, l-Istati Membri jistgħu jużaw il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej sabiex jikkontribwixxu għall-finanzjament ta' proġetti eliġibbli li jkun qed jinvesti fihom il-BEI bis-sostenn tal-garanzija tal-UE.

Emenda

4. Sakemm il-kriterji ta' eliġibbiltà jkunu ssodisfati kollha, l-Istati Membri jistgħu jużaw il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej sabiex jikkontribwixxu għall-finanzjament ta' proġetti eliġibbli li jkun qed jinvesti fihom il-BEI bis-sostenn tal-garanzija tal-UE. ***Fejn, f'tali każijiet, diversi oqfsa ġuridiċi tal-Unjoni jkunu applikabbli għall-ġestjoni u l-kontroll ta' dawn il-proġetti eliġibbli, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u l-leġiżlazzjoni dwar il-finanzjament settorjali rilevanti jieħdu preċedenza.***

Emenda 48

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Għall-finijiet tal-Artikolu 5(2), il-BEI juża

Emenda

Għall-finijiet tal-Artikolu 5(2), il-BEI juża

l-Garanzija tal-UE għall-kopertura tar-riskji ***għal*** strumenti ***bħala*** regola abbażi tal-portafoll.

l-garanzija tal-UE ***biss*** għall-kopertura tar-riskji ***ta' kreditu ta'*** strumenti ***eliġibbli***. ***Bħala*** regola, ***il-garanzija tal-UE tintuża biss*** abbażi tal-portafoll ***tal-istrumenti eliġibbli użati għall-finanzjament ta' proġetti approvati mill-Kumitat tal-Investment***.

Emenda 49

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-garanzija tal-UE lill-BEI tkun għall-ammont ta' EUR 16 000 000 000, li minnhom ammont massimu ta' EUR 2 500 000 000 jista' jiġi allokat għall-finanzjament tal-BEI lill-FEI b'konformità mal-paragrafu 2. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 8(9), il-pagamenti aggregati mill-Unjoni fl-ambitu tal-garanzija lill-BEI ma jaqbżux l-ammont tal-garanzija.

Emenda

1. Il-garanzija tal-UE lill-BEI tkun għall-ammont ta' EUR 16 000 000 000, li minnhom ammont massimu ta' EUR 2 500 000 000 jista' jiġi allokat għall-finanzjament tal-BEI lill-FEI b'konformità mal-paragrafu 2. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 8(9), il-pagamenti aggregati mill-Unjoni fl-ambitu tal-garanzija lill-BEI ma jaqbżux l-ammont tal-garanzija, ***u għaldaqstant jeskludu responsabbiltajiet kontinġenti għall-baġit tal-Unjoni. Huma esklużi l-pretensjonijiet legali tal-benefiċjarji finali kontra l-Unjoni 'l fuq u lil hinn minn din il-garanzija.***

Emenda 50

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Id-Direttur Amministrattiv jiffaċilita l-aċċess tal-pubbliku għall-miżuri ta' riskju tal-portafolli li huma koperti mill-garanzija tal-UE, kif ukoll għall-metodoloġija u d-dejta li biha r-riskju ta' portafoll ta' strumenti partikolari huwa determinat, u jaġġorna l-informazzjoni

b'mod regolari.

Emenda 51

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Meta l-BEI jitlob il-garanzija tal-UE skont il-Ftehim tal-FEIS, l-Unjoni tħallas mat-talba skont it-termini tal-Ftehim.

Emenda

3. Meta l-BEI jitlob il-garanzija tal-UE skont il-Ftehim tal-FEIS, l-Unjoni tħallas mat-talba skont it-termini tal-Ftehim. ***Tali ħlas mhuwiex limitat għall-ammont tal-fondi li għadu mhux mitlub mill-BEI mill-garanzija tal-UE. Kull telf u riskju ieħor jinġarr mill-kontributuri l-oħra għall-portafoll u l-partijiet interessati tal-proġetti. L-Unjoni ma tassumi l-ebda obbligazzjoni kontinġenti li teċċedi l-garanzija tal-UE.***

Emenda 52

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Il-Ftehim tal-FEIS jinkorpora immunità ġenerali tal-Unjoni u rinunzji kontra pretensjonijiet legali mill-benefiċjarji tal-FEIS kontra l-Kummissjoni li jmorru lil hinn mill-garanzija tal-UE;

Emenda 53

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) **pagamenti** mill-bagıt ġenerali tal-Unjoni,

Emenda

(a) **kontribuzzjonijiet** mill-bagıt ġenerali tal-Unjoni,

Emenda 54

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-ammont fil-mira jintlaħaq inizjalment permezz tal-ħlas gradwali ta' riżorsi msemmijin fil-paragrafu 2(a). **Jekk ikun hemm talbiet għall-garanzija matul il-kostituzzjoni inizjali tal-fond ta' garanzija, il-kontribuzzjonijiet** għall-fond ta' garanzija previsti fil-punti (b), (c) u (d) tal-paragrafu 2 **iservu wkoll biex jikkontribwixxu biex jintlaħaq l-ammont fil-mira sa ammont ugwali għat-talbiet fuq il-garanzija.**

Emenda

L-ammont fil-mira jintlaħaq inizjalment permezz tal-ħlas gradwali ta' riżorsi msemmijin fil-paragrafu 2(a) **u jkun akkumpanjat mill-kontribuzzjonijiet** għall-fond ta' garanzija previsti fil-punti (b), (c) u (d) tal-paragrafu 2.

Emenda 55

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tkun awtorizzata li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 17 **li jaġġusta l-ammont** fil-mira previst fil-paragrafu 5 b'massimu ta' 10 % sabiex ikun jirrifletti aħjar ir-riskju potenzjali tal-garanzija tal-UE li tkun qed tintalab.

Emenda

Il-Kummissjoni tkun awtorizzata li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 17 **biex taġġusta l-livell** fil-mira previst fil-paragrafu 5 **ta' dan l-Artikolu** b'massimu ta' 10 % sabiex ikun jirrifletti aħjar ir-riskju potenzjali tal-garanzija tal-UE li tkun qed tintalab. **Jekk tinħoloq sitwazzjoni fejn il-ħlas ta' 50 % tal-obbligazzjonijiet tal-garanzija kien insuffiċjenti, il-Kummissjoni tipproponi żieda fir-riżervi ta' likwidità, li tindika l-orijini ta' approprjazzjonijiet ta' pagament**

addizzjonali, filwaqt li tħalli d-deċiżjoni finali lill-Parlament u lill-Kunsill.

Ġustifikazzjoni

Idea mill-Opinjoni 4/2014 tal-QEA dwar il-FEIS - paragrafu 37

Emenda 56

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

8. Mill-1 ta' Jannar **2019**, jekk bħala riżultat tat-talbiet għall-garanzija, **il-livell** tal-fond ta' garanzija jaqa' taħt il-50 % tal-ammont fil-mira, il-Kummissjoni tippreżenta rapport dwar x'miżuri eċċezzjonali jistgħu jkunu meħtieġa biex jiġi rikostitwit.

Emenda

8. Mill-1 ta' Jannar **2018**, jekk bħala riżultat tat-talbiet għall-garanzija, **ir-riżorsi** tal-fond ta' garanzija **jaqgħu** taħt il-50 % tal-ammont fil-mira, il-Kummissjoni tippreżenta rapport dwar x'miżuri eċċezzjonali jistgħu jkunu meħtieġa biex jiġi rikostitwit. **Jekk il-Kummissjoni tqis li dan huwa meħtieġ, hija tippreżenta rakkomandazzjonijiet dwar l-aġġustament tal-livell tal-garanzija.**

Ġustifikazzjoni

Idea mill-Opinjoni 4/2014 tal-QEA dwar il-FEIS - paragrafu 37

Emenda 57

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

9a. In-nefqa baġitarja marbuta mal-FEIS u l-obbligazzjoni finanzjarja tal-Unjoni ma għandhom fl-ebda każ jeċċedu l-ammont tal-impenn baġitarju rilevanti li jsir għalih, u b'hekk jiġu esklużi l-obbligazzjonijiet kontinġenti għall-baġit tal-Unjoni.

Emenda

Ġustifikazzjoni

Id-diċitura tal-FEIS għandha tiddikjara b'mod espliċitu li l-baġit tal-UE taħt l-ebda ċirkostanza mhu se jkopri aktar mill-kontribuzzjoni baġitarja għall-garanzija stabbilita fir-Regolament innifsu.

Emenda 58

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni u l-BEI, bl-appoġġ **mill-Istati** Membri, jippromwovu l-ħolqien ta' **sett** ta' proġetti ta' investiment **trasparenti** kurrenti u potenzjalment futuri fl-Unjoni. . **Is-sett** ta' proġetti **huwa** mingħajr ħsara għall-proġetti finali magħżula għal sostenn skont l-Artikolu 3(5).

Emenda

1. Il-Kummissjoni u l-BEI, bl-appoġġ tal-Istati Membri, jippromwovu l-ħolqien ta' **direttorju** trasparenti ta' proġetti ta' investiment kurrenti u potenzjalment futuri fl-Unjoni. **Id-direttorju** ta' proġetti **jkun biss għal finijiet ta' informazzjoni u ta' viżibilità għall-investituri u jkun** mingħajr ħsara għall-proġetti finali magħżula għal sostenn skont l-Artikolu 3(5).

Emenda 59

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni u l-BEI jiżviluppaw, jaġġornaw u jqassmu, fuq bażi regolari u strutturata, informazzjoni dwar **investimenti** kurrenti u futuri **li jagħtu kontribut sinifikanti biex jintlaħqu l-oġettivi ta' politika tal-UE.**

Emenda

2. Il-Kummissjoni u l-BEI jiżviluppaw, jaġġornaw u jqassmu, fuq bażi regolari u strukturata, informazzjoni dwar **kull investiment** kurrenti u **futur permezz ta' bażi ta' data tal-proġetti aċċessibbli pubblikament.**

Emenda 60

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri jiżviluppaw, jaġġornaw u jqassmu, fuq bażi regolari u strutturata, informazzjoni dwar **investment** kurrenti u futur fit-territorju tagħhom.

Emenda

3. L-Istati Membri jiżviluppaw, jaġġornaw u jqassmu **flimkien mal-BEI**, fuq bażi regolari u strukturata, informazzjoni dwar **kull proġett ta' investment** kurrenti u futur fit-territorju tagħhom.

Emenda 61

**Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-BEI, f'kooperazzjoni mal-FEI, kif xieraq, jirrapporta kull sitt xhur lill-Kummissjoni dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investment tal-BEI fl-ambitu ta' dan ir-Regolament. **Ir-rapport ikun** jinkludi valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti dwar l-użu tal-garanzija tal-UE u l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni skont l-Artikolu 2(1)(g). Ir-rapport ikun jinkludi wkoll dejta statistika, finanzjarja u ta' kontabilità dwar kull operazzjoni ta' finanzjament u investment tal-BEI u fuq bażi aggregata.

Emenda

1. Il-BEI, f'kooperazzjoni mal-FEI, kif xieraq, jirrapporta kull sitt xhur **lill-Parlament Ewropew, lill-Kummissjoni u lill-Kummissjoni** dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investment tal-BEI fl-ambitu ta' dan ir-Regolament. **Wieħed miż-żewġ rapporti jkun kompletat fiż-żmien debitu, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tinkorpora l-informazzjoni rilevanti fil-kontijiet annwali, u jkun** jinkludi valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti dwar l-użu tal-garanzija tal-UE u l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni skont l-Artikolu 2(1)(g). Ir-rapport ikun jinkludi wkoll dejta statistika, finanzjarja u ta' kontabilità dwar kull operazzjoni ta' finanzjament u investment tal-BEI u fuq bażi aggregata.

Ġustifikazzjoni

Idea mill-Opinjoni 4/2014 tal-QEA dwar il-FEIS - paragrafu 40

Emenda 62

**Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Barra minn hekk, il-BEI, f'kooperazzjoni mal-FEI kif xieraq, jirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew **u** lill-Kunsill dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tal-BEI. Ir-rapport jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku u jkun jinkludi:

Emenda

2. Barra minn hekk, il-BEI, f'kooperazzjoni mal-FEI kif xieraq, jirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill **u lill-Qorti tal-Awdituri** dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tal-BEI **skont dan ir-Regolament**. Ir-rapport **annwali** jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku u jkun jinkludi:

Emenda 63

**Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

(a) valutazzjoni tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tal-BEI **fil-livell operattiv**, settorjali **u** reġjonali u l-konformità tagħhom ma' dan ir-Regolament, flimkien ma' valutazzjoni tal-allokkazzjoni tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tal-BEI bejn l-oġettivi **fl-Artikolu 5(2)**;

Emenda

(a) valutazzjoni tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tal-BEI **fil-livelli operattivi**, settorjali, reġjonali **u tal-pajjiż** u l-konformità tagħhom ma' dan ir-Regolament **u mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012**, flimkien ma' valutazzjoni tal-allokkazzjoni tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tal-BEI bejn l-oġettivi;

Emenda 64

**Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

(b) valutazzjoni tal-valur miżjud, il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi tas-settur privat, il-prestazzjonijiet stmati u reali, ir-riżultati u l-impatt tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tal-BEI fuq bażi aggregata;

Emenda

(b) valutazzjoni tal-valur miżjud **u l-prestazzjoni ta' proġetti f'termini ta' redditu stmat u reali mill-investiment fil-maturità tal-proġett, l-addizzjonalità tal-operazzjoni mwettqa skont il-FEIS imqabbla ma' operazzjonijiet normali tal-BEI**, il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi tas-settur privat, il-prestazzjonijiet stmati u

reali, ir-riżultati u l-impatt tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tal-BEI fuq bażi aggregata;

Emenda 65

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) l-effett ta' lieva fil-mira, u l-effett ta' lieva miksub tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tal-BEI;

Emenda 66

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bb) valutazzjoni tal-kontribut għall-objettivi tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 għat-trasport, tar-Regolament (UE) Nru 347/2013 għal netwerks tal-enerġija u tar-Regolament (UE) Nru 283/2014 għal infrastruttura tat-telekomunikazzjoni;

Emenda 67

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) valutazzjoni tal-**benefiċċju** finanzjarju ttrasferit lill-benefiċjarji tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI fuq bażi aggregata;

(c) valutazzjoni tal-**ammont** finanzjarju ttrasferit lill-benefiċjarji **u valutazzjoni** tal-operazzjonijiet ta' finanzjament **u investiment** mill-BEI fuq bażi aggregata;

Emenda 68

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) valutazzjoni tal-kwalità tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tal-BEI.

Emenda

(d) valutazzjoni tal-**valur miżjud** tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment **mill-BEI u r-riskji assoċjati ma' dawn l-operazzjoni**;

Emenda 69

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) lista tal-intermedjarji finanzjarji involuti fl-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment mill-BEI, inkluż kwalunkwe kwistjoni relatata mal-applikazzjoni tal-Artikoli 14 u 15;

Emenda 70

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(db) lista ta' benefiċjarji tal-FEIS, inklużi mutwatarji ta' strumenti finanzjarji ggarantiti mill-Unjoni implimentati mill-BEI skont il-ftehim tal-FEIS;

Emenda 71

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) informazzjoni dettaljata dwar talbiet għall-garanzija tal-UE;

Emenda

(e) informazzjoni dettaljata dwar talbiet għall-garanzija tal-UE, ***telf, redditu, ammonti rkuprati u kwalunkwe ħlas ieħor irċevut;***

Emenda 72

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) il-valur ta' investimenti ta' ekwità, fir-rigward tas-snin preċedenti, u l-figuri akkumulati għal indebolimenti ta' assi ta' ekwità;

Emenda 73

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) ir-rapporti finanzjarji tal-FEIS.

Emenda

(f) ir-rapporti finanzjarji tal-FEIS ***akkumpanjati minn opinjoni ta' awditur indipendenti estern;***

Ġustifikazzjoni

Evidenti.

Emenda 74

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fa) informazzjoni dettaljata dwar proġetti li rċevew kontribuzzjonijiet mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-finanzjament ta' proġetti eliġibbli li jkun qiegħed jinvesti fihom il-BEI bis-sostenn tal-garanzija tal-UE, kif stipulat fl-Artikolu 5(4).

Emenda 75

**Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt fb (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fb) dejta statistika, finanzjarja u ta' kontabilità dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment mill-BEI fuq bażi aggregata.

Emenda 76

**Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Għall-għanijiet ta' kontabilità u r-rapportar tal-Kummissjoni dwar ir-riskji koperti mill-garanzija tal-UE u l-ġestjoni tal-fond ta' garanzija, il-BEI, f'kooperazzjoni mal-FEI kif xieraq, kull sena **jipprovdu** lill-Kummissjoni:

3. Għall-għanijiet ta' kontabilità u r-rapportar tal-Kummissjoni dwar ir-riskji koperti mill-garanzija tal-UE u l-ġestjoni tal-fond ta' garanzija, il-BEI, f'kooperazzjoni mal-FEI kif xieraq, kull sena **jipprovdi** lill-Kummissjoni **u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri**:

Emenda 77

**Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

(a) il-valutazzjoni tar-riskju u l-informazzjoni dwar il-gradazzjoni tal-BEI u tal-FEI fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment ***tal-BEI***;

Emenda

(a) il-valutazzjoni tar-riskju u l-informazzjoni dwar il-gradazzjoni tal-BEI u tal-FEI fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment ***mill-BEI skont dan ir-Regolament***;

Emenda 78

**Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-obbligu finanzjarju pendenti ***għall***-UE rigward il-garanziji pprovduti għall-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment ***tal-BEI*** disaggregati skont operazzjonijiet individwali;

Emenda

(b) l-obbligu finanzjarju pendenti ***għall-Unjoni*** rigward il-garanziji pprovduti għall-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment ***mill-BEI skont dan ir-Regolament*** disaggregati skont operazzjonijiet individwali;

Emenda 79

**Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

(ca) l-iżvilupp tal-valur f'riskju u miżuri ta' riskju oħra għall-portafolli tal-proġetti kollha mwettqa u għall-portafolli ta' kull tip ta' strument eliġibbli;

Emenda

Emenda 80

**Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 6**

Test propost mill-Kummissjoni

6. Sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena ***l-Kummissjoni*** tibgħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u l-Qorti tal-Awdituri ***rapport*** annwali dwar is-sitwazzjoni ***tal-fond ta' garanzija*** u dwar il-ġestjoni tiegħu matul is-sena kalendarja preċedenti.

Emenda

6. ***Sal-31 ta' Marzu*** ta' kull sena, il-Kummissjoni tibgħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u l-Qorti tal-Awdituri ***l-kontijiet annwali, id-dikjarazzjoni finanzjarja u rapport*** annwali ***skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 996/2012*** dwar is-sitwazzjoni ***tal-FEIS*** u dwar il-ġestjoni tiegħu matul is-sena kalendarja preċedenti. ***Dan ir-rapport jagħti wkoll informazzjoni dwar l-adegwatezza tal-livell tal-garanzija tal-UE u, jekk meħtieġ, jippreżenta rakkomandazzjonijiet dwar l-aġġustament tal-livell tagħha.***

Ġustifikazzjoni

Idea mill-Opinjoni 4/2014 tal-QEA dwar il-FEIS - paragrafi 37 u 41

Emenda 81

**Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fuq talba tal-Parlament Ewropew, id-direttur Amministrattiv jipparteċipa ***f'seduta*** ta' smiġħ tal-Parlament Ewropew dwar il-prestazzjoni tal-FEIS.

Emenda

1. Fuq talba tal-Parlament Ewropew, ***u tal-inqas darbtejn fis-sena, id-Direttur Amministrattiv, il-President tal-Bord ta' Tmexxija, il-Kummissarju responsabbli għall-Baġit tal-Unjoni u l-President tal-Bord tad-Diretturi tal-BEI jipparteċipaw fis-seduti*** ta' smiġħ ***dwar il-kwittanza annwali*** tal-Parlament Ewropew dwar il-prestazzjoni ***u l-ġestjoni finanzjarja*** tal-FEIS.

Emenda 82

**Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Fuq talba tal-Parlament Ewropew, il-Kummissarju responsabbli għall-Baġit tal-Unjoni jipparteċipa f'seduta ta' smigħ tal-Parlament Ewropew dwar l-użu tal-fondi tal-Unjoni fil-fond ta' garanzija.

Ġustifikazzjoni

Minħabba li l-Fond ta' Garanzija se jkun magħmul minn riallokazzjonijiet sinifikanti mill-baġit tal-UE, il-Parlament għandu jkollu d-dritt li jsejjaħ lill-Kummissarju għall-Baġit tal-UE quddiem il-Parlament sabiex jeżerċita skrutinju fuq l-użu tal-baġit tal-UE, b'mod speċjali fir-rigward ta' prestazzjoni u riżultati ta' nfiq.

Emenda 83

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Id-Direttur Amministrattiv ***iwieġeb*** bil-fomm jew bil-miktub għal mistoqsijiet indirizzati lill-FEIS mill-Parlament Ewropew, fi kwalunkwe każ fi żmien ***ħames*** ġimgħat minn meta tasal il-mistoqsija.

2. Id-Direttur Amministrattiv, ***il-President tal-Bord ta' Tmexxija, il-Kummissarju responsabbli għall-Baġit tal-Unjoni u l-President tal-Bord tad-Diretturi tal-BEI iwieġbu*** bil-fomm jew bil-miktub għal mistoqsijiet indirizzati lill-FEIS mill-Parlament Ewropew, fi kwalunkwe każ fi żmien ***erba'*** ġimgħat minn meta tasal il-mistoqsija.

Emenda 84

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. F'kooperazzjoni mal-BEI u mal-FEI skont kif xieraq, il-Kummissjoni tirrapporta dwar il-prestazzjoni finanzjarja tal-FEIS fir-rapport ta' valutazzjoni msemmi fl-Artikolu 318 TFUE.

Ġustifikazzjoni

Fl-aħħar riżoluzzjonijiet tiegħu dwar il-kwittanza tal-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew talab li r-rapport ta' valutazzjoni abbozzat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 318 TFUE jiffoka b'mod partikolari fuq l-istrateġija tat-tkabbir u l-impjiegi. Din it-talba kienet ikkonfermata fir-rapport fuq inizjattiva proprja dwar l-evalwazzjoni tal-finanzi tal-Unjoni abbażi tar-riżultati miksuba: għodda ġdida għall-proċedura ta' kwittanza mtejba tal-Kummissjoni Ewropea, ara l-punt 11 (2013/2172(INI)).

Emenda 85

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3b. Fuq talba tal-Parlament Ewropew, il-BEI jissottomettulu kwalunkwe informazzjoni matul il-proċedura ta' kwittanza.

Emenda 86

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Mhux aktar tard minn [PO inserixxi d-data: ***18-il xahar*** wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] il-BEI jevalwa l-funzjonament tal-FEIS. Il-Kummissjoni tippreżenta l-evalwazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni;

Mhux aktar tard minn [PO inserixxi d-data: ***12-il xahar*** wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] il-BEI jevalwa l-funzjonament tal-FEIS, ***anke fir-rigward tal-proġetti tal-FEIS ibbażati fuq is-subprogrammi, u jevalwa ċ-ċiklu tal-ħajja tal-investimenti fil-mira.*** Il-Kummissjoni tippreżenta l-evalwazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni; ***Din l-evalwazzjoni tkun akkumpanjata minn opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri.***

Emenda 87

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Mhux aktar tard minn [PO inserixxi d-data: **18-il xahar** wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] il-Kummissjoni tevalwa ***l-fond ta' garanzija*** tal-UE u l-funzjonament tal-fond ta' garanzija, inkluż l-użu ta' dotazzjonijiet skont l-Artikolu 8(9). Il-Kummissjoni tippreżenta l-**evalwazzjoni** tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Emenda

Mhux aktar tard minn [PO inserixxi d-data: **12-il xahar** wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] il-Kummissjoni tevalwa ***l-użu tal-garanzija*** tal-UE u l-funzjonament tal-fond ta' garanzija, ***anke fir-rigward tal-proġetti li jibbenefikaw mill-garanziji bbażati fuq is-subprogrammi, u tevalwa ċ-ċiklu tal-ħajja tal-investimenti fil-mira,*** inkluż l-użu ta' dotazzjonijiet skont l-Artikolu 8(9). Il-Kummissjoni tippreżenta l-**evalwazzjoni** tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. ***Din l-**evalwazzjoni tkun akkumpanjata minn opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri.*****

Emenda 88

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fuq talba tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill partijiet indipendenti esterni jevalwaw il-funzjonament tal-FEIS kif ukoll l-użu tal-garanzija tal-UE u l-funzjonament tal-fond ta' garanzija, inkluż l-użu ta' dotazzjonijiet skont l-Artikolu 8(9).

Ġustifikazzjoni

Idea mill-Opinjoni 4/2015 tal-QEA dwar il-FEIS - paragrafu 42

Emenda 89

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) il-BEI jippubblika rapport komprensiv dwar il-funzjonament tal-FEIS;

Emenda

(a) il-BEI jippubblika rapport komprensiv dwar il-funzjonament tal-FEIS **u dwar il-proġetti tal-FEIS ibbażati fuq is-subprogrammi, sabiex jitqabbel iċ-ċiklu tal-ħajja tal-investimenti fil-mira;**

Emenda 90

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) il-Kummissjoni tippubblika rapport komprensiv dwar l-użu tal-garanzija tal-UE u l-funzjonament tal-fond ta' garanzija.

Emenda

(b) il-Kummissjoni tippubblika rapport komprensiv dwar l-użu tal-garanzija tal-UE u l-funzjonament tal-fond ta' garanzija **u dwar il-proġetti li jibbenefikaw mill-garanzija bbażati fuq is-subprogrammi, sabiex jitqabbel iċ-ċiklu tal-ħajja tal-investimenti fil-mira;**

Emenda 91

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-BEI u l-FEI fuq bażi regolari jipprovdu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni r-rapporti indipendenti ta' evalwazzjoni kollha tagħhom li jivvalutaw ir-riżultati prattiċi miksuba mill-attivitajiet speċifiċi tal-BEI skont dan ir-Regolament.

Emenda

4. Il-BEI u l-FEI fuq bażi regolari jipprovdu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni r-rapporti indipendenti ta' evalwazzjoni kollha tagħhom li jivvalutaw ir-riżultati prattiċi miksuba mill-attivitajiet speċifiċi tal-BEI skont dan ir-Regolament, **waqt li jiffokaw fuq ir-riżultati u l-impatti.**

Emenda 92

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Mhux aktar tard minn [PO jdaħħal id-data ta' tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, akkumpanjat bi proposti rilevanti.

Emenda

5. Mhux aktar tard minn [PO jdaħħal id-data ta' tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, ***inkluża valutazzjoni tal-valur miżjud tal-FEIS u l-addizzjonalità tiegħu għal strumenti ta' finanzjament tal-Unjoni eżistenti***, akkumpanjat bi proposti rilevanti ***għal tiġib***.

Emenda 93

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

B'konformità mal-politiki tiegħu stess dwar it-trasparenza għall-aċċess ta' dokumenti u informazzjoni, il-BEI jippubblika fuq il-websajt tiegħu informazzjoni rigward l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment kollha tal-BEI u kif dawn jikkontribwixxu għall-oġġettivi ġenerali ***msemmin*** fl-Artikolu 5(2).

Emenda

1. B'konformità mal-politiki tiegħu stess dwar it-trasparenza għall-aċċess ta' dokumenti u informazzjoni, il-BEI jippubblika fuq il-websajt tiegħu informazzjoni rigward l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment kollha tal-BEI u kif dawn jikkontribwixxu għall-oġġettivi ġenerali u ***l-operazzjonijiet speċifiċi msemmin*** fl-Artikolu 5(2).

2. ***Il-BEI barra minn hekk jiggarrantixxi li kwalunkwe ċittadin tal-Unjoni u kwalunkwe persuna fiżika u ġuridika li tirrisjedi jew għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Stat Membru jkollha aċċess għad-dokumenti marbuta mal-FEIS skont ir-Regolament Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a}.***

3. ***Fil-każ ta' arranġament dettaljat bejn***

il-Kummissjoni u l-BEI fir-rigward ta' skambju ta' informazzjoni u l-iżvelar pubbliku tal-informazzjoni, l-arranġament jsir pubbliku.

^{1a} Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

Emenda 94

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-Ftehim tal-FEIS jiġi ppubblikat.

Ġustifikazzjoni

Idea mill-Opinjoni 4/2015 tal-QEA dwar il-FEIS - paragrafu 44

Emenda 95

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-garanzija tal-UE u l-ħlasijiet u l-irkupri fl-ambitu tagħha li jkunu attribwibbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni ikunu vverifikati mill-Qorti tal-Awdituri.

1. L-awditu estern tal-attivitajiet imwettqa skont dan ir-Regolament isir mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri f'konformità mal-Artikolu 287 TFUE u għalhekk ikun suġġetta għall-proċedura ta' kwittanza skont l-Artikolu 319 tat-TFUE. Il-Kummissjoni tiżgura li l-Qorti tal-Awdituri hija kapaċi teżerċita d-dritt tagħha kif previst fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 287(3) TFUE u li għandha aċċess sħiħ għall-informazzjoni kollha li teħtieġ biex twettaq l-awditi tagħha. Il-

Kummissjoni u l-BEI jiżguraw li l-partijiet kollha ikkonċernati bl-attivitajiet mwettqa skont dan ir-Regolament ikunu mgħarrfa bid-dritt tal-Qorti tal-Awdituri kif previst fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 287(3) TFUE. Il-BEI, il-FEI, l-intermedjarji finanzjarji kollha involuti fl-attivitajiet imwettqa skont dan ir-Regolament u l-benefiċjarji finali jagħtu lill-Qorti tal-Awdituri l-faċilitajiet u l-informazzjoni kollha li l-Qorti tal-Awdituri tikkunsidra meħtieġa għat-twettiq ta' xogħolha, skont l-Artikolu 161 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012. Il-Ftehim Tripartitiku bejn il-Kummissjoni Ewropea, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-Bank Ewropew tal-Investment jiġi rivedut sabiex jirrifletti r-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu.

Emenda 96

**Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jitolbu li l-Qorti tal-Awdituri teżamina kwalunkwe kwistjoni rilevanti oħra li taqa' fil-kompetenza tagħhom stipulata fl-Artikolu 287(4) TFUE.

Emenda 97

**Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. Il-Qorti tal-Awdituri tipproduċi rapport speċjali għal kull perjodu ta' 12-il xahar, li jibda fl-1 ta' April ta' kull

sena. Kull rapport speċjali jeżamina jekk:

(a) inġhatatx kunsiderazzjoni suffiċjenti għall-użu effiċjenti u effikaċi tal-FEIS;

(b) is-sostenn tal-FEIS ikkontribbwxxiex għall-oġġettivi ta' ħolqien ta' impjegi sostenibbli, tkabbir fit-tul u kompetittività;

(c) l-attivitajiet tal-FEIS twettqu b'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, trasparenza, proporzjonalità, nondiskriminazzjoni, addizzjonalità, trattament ugwali u sussidjarjetà.

Kull rapport speċjali jiġi ppreżentat fi żmien sitt xhur mit-tmien tal-perjodu taż-żmien li jirrelata għalih.

Il-Qorti tal-Awdituri tibgħat ir-rapporti speċjali kollha lill-korpi governattivi tal-FEIS, il-BEI, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, u tippubblikahom mingħajr dewmien.

Il-Qorti tal-Awdituri jkollha s-setgħa li tikseb mingħand il-korpi regolatorji tal-FEIS, il-BEI u l-Kummissjoni kwalunkwe informazzjoni rilevanti sabiex twettaq il-kompiti kkonferiti lilha b'dan l-Artikolu u jipprovdu kwalunkwe informazzjoni rilevanti mitluba f'tali perjodu ta' żmien li jista' jiġi speċifikat mill-Qorti tal-Awdituri.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tirrifletti dispożizzjonijiet eżistenti fir-Regolament tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (Reg Nru 806/2014) rigward il-mandat lill-Qorti tal-Awdituri biex tipprovdi rapport speċjali annwali dwar il-prestazzjoni tal-FEIS u skont il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

Emenda 98

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-BEI jinnotifika lill-OLAF minnufih u jagħtih l-informazzjoni meħtieġa meta, fi kwalunkwe stadju tat-tħejjija, l-implimentazzjoni jew l-għeluq tal-operazzjonijiet soġġetti **għall-garanzija tal-UE**, ikollu raġunijiet biex jissuspetta li jeżisti każ potenzjali ta' frodi, korruzzjoni, ħasil ta' flus jew xi attività illegali oħra li tista' taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Emenda 99

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-OLAF **jista' jwettaq** investigazzjonijiet, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, f'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁵⁾, ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96(6) u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95(7) sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni **Ewropea**, bil-ħsieb li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni, ħasil ta' flus jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji **tal-Unjoni** b'rabta ma' kwalunkwe operazzjoni **appoġġata mill-garanzija tal-UE**. L-OLAF jista' jittrażmetti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati l-informazzjoni li tinkiseb matul l-investigazzjonijiet.

⁵ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar

Emenda

1. Il-BEI jinnotifika lill-OLAF minnufih u jagħtih l-informazzjoni meħtieġa meta, fi kwalunkwe stadju tat-tħejjija, l-implimentazzjoni jew l-għeluq tal-operazzjonijiet soġġetti **għall-FEIS**, ikollu raġunijiet biex jissuspetta li jeżisti każ potenzjali ta' frodi, korruzzjoni, **approprjazzjoni indebita**, ħasil ta' flus jew xi attività illegali oħra li tista' taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Emenda

2. L-OLAF **iwettaq** investigazzjonijiet, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, f'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁵⁾, ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96⁽⁶⁾ u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95⁽⁷⁾ sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, bil-ħsieb li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni, ħasil ta' flus, **finanzjament tat-terroriżmu, frodi fiskali u evażjoni tat-taxxa**, jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji b'rabta ma' kwalunkwe operazzjoni **skont dan ir-Regolament**. L-OLAF jista' jittrażmetti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati l-informazzjoni li tinkiseb matul l-investigazzjonijiet.

⁵ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar

investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (EURATOM, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (EURATOM, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

Emenda 100

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Fejn tali attivitajiet illegali jiġu ppruvati, il-BEI ***jidħol għal sforzi*** ta' rkupru fir-rigward tal-operazzjonijiet tiegħu ***li huma appoġġati mill-garanzija tal-UE***.

Emenda

Fejn ***l-OLAF jirrakkomanda l-irkupru minħabba li*** attivitajiet illegali, ***inklużi ħasil ta' flus, finanzjament ta' terroriżmu, frodi fiskali u evażjoni tat-taxxa, korruzzjoni, jew frodi li jaffettwa l-interessi finanzjarji stabbiliti waqt l-investigazzjonijiet tiegħu*** jiġu ppruvati, il-BEI ***u l-Kummissjoni jidħlu għall-irkupru*** fir-rigward tal-operazzjonijiet tiegħu.

Emenda 101

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-ftehimiet ta' finanzjament iffirmati rigward l-operazzjonijiet appoġġati fl-ambitu ta' dan ir-Regolament ikunu jinkludu klawnsoli li jippermettu l-esklużjoni mill-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tal-BEI u, jekk hemm bżonn, miżuri ta' rkupru xierqa f'każijiet ta' frodi, korruzzjoni jew attività illegali oħra b'konformità mal-Fethim tal-FEIS, il-politiki tal-BEI u rekwiżiti regolatorji applikabbli. Id-deċiżjoni dwar jekk tiġix applikata esklużjoni mill-operazzjoni ta' finanzjament u investiment tal-BEI tittieħed b'konformità mal-ftehim ta' finanzjament jew investiment rilevanti.

Emenda

3. Il-ftehimiet ta' finanzjament iffirmati rigward l-operazzjonijiet appoġġati fl-ambitu ta' dan ir-Regolament ikunu jinkludu klawnsoli li jippermettu l-esklużjoni mill-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tal-BEI u, jekk hemm bżonn, miżuri ta' rkupru xierqa f'każijiet ta' frodi, korruzzjoni jew attività illegali oħra b'konformità mal-Fethim tal-FEIS, il-politiki tal-BEI u rekwiżiti regolatorji applikabbli. Id-deċiżjoni dwar jekk tiġix applikata esklużjoni mill-operazzjoni ta' finanzjament u investiment tal-BEI tittieħed b'konformità mal-ftehim ta' finanzjament jew investiment rilevanti. ***Dawn il-ftehimiet jiġu notifikati lill-Parlament Ewropew.***

Emenda 102

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fl-operazzjonijiet ta' finanzjament ***tiegħu***, il-BEI ma jittollera l-ebda attività li titwettaq għal finijiet illegali, inkluż il-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu, il-frodi fiskali u l-evażjoni tat-taxxa, il-korruzzjoni, u l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. B'mod partikolari l-BEI ma jipparteċipax f'xi operazzjoni ta' finanzjament jew investiment permezz ta' veikolu li jkun jinsab f'ġuriżdizzjoni li ma tikkooperax, skont il-politiki tiegħu lejn ġuriżdizzjonijiet regolamentati b'mod dgħajfa jew li ma jikkooperawx abbażi ta' politiki tal-Unjoni, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp jew it-Task Force ta' Azzjoni

Emenda

1. Fl-operazzjonijiet ta' finanzjament ***u investiment tagħhom***, il-BEI, ***il-FEI u l-intermedjarji finanzjarji kollha*** ma jittolleraw l-ebda attività li titwettaq għal finijiet illegali, inkluż il-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu, il-frodi fiskali u l-evażjoni tat-taxxa, il-korruzzjoni, u l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. B'mod partikolari l-BEI ma jipparteċipax f'xi operazzjoni ta' finanzjament jew investiment permezz ta' veikolu li jkun jinsab f'ġuriżdizzjoni li ma tikkooperax ***fir-rigward tal-applikazzjoni tal-istandard tat-taxxa maqbul internazzjonalment***, skont il-politiki tiegħu lejn ġuriżdizzjonijiet regolamentati b'mod dgħajfa jew li ma jikkooperawx abbażi ta' politiki tal-Unjoni, l-Organizzazzjoni

Finanzjarja.

għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp jew it-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja. ***Il-BEI jittrasponi tali rekwiżiti lil kwalunkwe parti terza li tikkontribwixxi għall-FEIS jew kwalunkwe pjattaforma ta' investiment.***

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tadotta d-diċitura aktar speċifika tal-Artikolu 140 (4) (4) tar-regolament finanzjarju minn liema hija ispirata.

Emenda 103

Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment iffirmati mill-BEI jew il-FEI, matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-konklużjoni tal-Ftehim ***dwar il-FEIS***, jistgħu jiġu ppreżentati ***mill-BEI jew il-FEI lill-Kummissjoni għal kopertura fl-ambitu tal-garanzija tal-UE.***

Emenda

1. Operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment iffirmati mill-BEI jew il-FEI, matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-konklużjoni tal-Ftehim tal-FEIS, jistgħu jiġu ppreżentati minnhom lill-Kumitat tal-Investment għal valutazzjoni. Il-Kumitat tal-Investment jista' jissottometti dawk l-operazzjonijiet lill-Kummissjoni biex tipproponi li dawn jiġu koperti mill-garanzija tal-UE.

Ġustifikazzjoni

Idea mill-Opinjoni 4/2015 tal-QEA dwar il-FEIS - paragrafu 45

Emenda 104

Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tivvaluta dawn l-operazzjonijiet u, fejn ikunu konformi mar-rekwiżiti sostantivi stipulati fl-Artikolu 5 u

Emenda

2. Il-Kummissjoni, waqt li tikkunsidra l-valutazzjoni tal-Kumitat tal-Investment, tivvaluta dawn l-operazzjonijiet u, fejn

fil-Ftehim **dwar il-FEIS**, tiddeċiedi li l-kopertura tal-garanzija tal-UE tkun testendi għalihom.

ikunu konformi mar-rekwiżiti sostantivi stipulati fl-Artikolu 5 u fil-Ftehim **tal-FEIS**, tiddeċiedi li l-kopertura tal-garanzija tal-UE tkun testendi għalihom. **Hija għandha mbagħad tinforma lill-Parlament Ewropew bid-deċiżjoni tagħha.**

Ġustifikazzjoni

Idea mill-Opinjoni 4/2015 tal-QEA dwar il-FEIS - paragrafu 45

PROCĊEDURA

Titolu	Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi	
Referenzi	COM(2015)0010 – C8-0007/2015 – 2015/0009(COD)	
Kumitati responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 28.1.2015	ECON 28.1.2015
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CONT 9.3.2015	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Michael Theurer 2.3.2015	
Artikolu 55 - Laqgħat konġunti ta' kumitati Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	9.3.2015	
Eżami fil-kumitat	24.2.2015	23.3.2015
Data tal-adozzjoni	13.4.2015	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 20 -: 2 0: 3	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Nedzhmi Ali, Louis Aliot, Inés Ayala Sender, Zigmantas Balčytis, Dennis de Jong, Martina Dlabajová, Jens Geier, Ingeborg Gräßle, Rina Ronja Kari, Bernd Kölmel, Verónica Lope Fontagné, Georgi Pirinski, Claudia Schmidt, Bart Staes, Marco Valli, Derek Vaughan, Tomáš Zdechovský, Joachim Zeller	
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Benedek Jávor, Karin Kadenbach, Andrey Novakov, Julia Pitera, Czesław Adam Siekierski, Patricija Šulin	
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Eugen Freund	